



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**



12353/09 (Presse 228)

(OR. en)

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

L-2957 laqgħa tal-Kunsill

Affarijiet Ġenerali u Relazzjonijiet Esterni

Affarijiet Ġenerali

Brussell, 27 ta' Lulju 2009

President

Is-Sinjura Cecilia MALMSTRÖM
Ministru tal-Affarijiet Ewropej tal-Isvezja

* Il-2959 laqgħa dwar ir-Relazzjonijiet Esterni hi s-suġġett ta' stqarrija għall-istampa separata (12354/09)

L - I S T A M P A

Rue de la Loi 175 B - 1048 BRUSSELL Tel.: +32 (0)2 281 63 19 / 6319 Fax: +32 (0)2 281 8026
press.office@consilium.europa.eu <http://www.consilium.europa.eu/Newsroom>

12353/09 (Presse 228)

1
MT

Riżultati prinċipali tal-Kunsill

*Il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni biex tagħti opinjoni dwar applikazzjoni mill-**Islanda** għal sħubija fl-Unjoni Ewropea.*

*Huwa adotta pożizzjoni komuni li twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri restrittivi kontra l-**Korea ta' Fuq**, konformement mar-riżoluzzjoni 1874 (2009) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, wara l-ittejtjar ta' apparat nukleari mill-Korea ta' Fuq f'Mejju.*

*Il-Kunsill adotta azzjonijiet konġunti li jtawlu ż-żmien tal-missjoni ta' monitoraġġ tal-UE fil-**Ġeorġja** u l-mandat tar-rappreżentant speċjali tal-UE għall-kriżi fil-Ġeorġja.*

*Huwa adotta regolament li jintroduċi qafas legali għall-**aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu**, li jipprevedi sistema ta' reġistrazzjoni u sorveljanza li torbot legalment, u direttiva mmirata għall-issikkar tar-regoli dwar **rekwiżiti ta' kapital għall-banek**, bi tweġiba għal dgħujfijiet speċifiċi identifikati fid-dawl tal-kriżi finanzjarja.*

*Il-Kunsill adotta programm dwar soluzzjonijiet ta' **interoperabbiltà elettronika** għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej, b'baġit ta' EUR 164,1 miljun għall-perijodu 2010-15, u direttiva li permezz tagħha l-**faxxa ta' frekwenza ta' 900 MHz**, użata għall-GSM, issir disponibbli għall-UMTS u għal sistemi oħra sabiex ikun hemm għażla aktar mifruxa ta' servizzi.*

*Huwa adotta regolament li jistabbilixxi restrizzjonijiet fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-**prodotti tal-foki**, bi tweġiba għat-tħassib dwar il-prattika tal-kaċċa għall-foki.*

*Il-Kunsill approva wkoll regoli ġodda għall-koordinazzjoni tas-sistemi tas-**sigurtà soċjali**, sabiex ikun aktar faċli għaċ-ċittadini li jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jiċċaqilqu minn Stat Membru għal ieħor għal studju, divertiment jew għal raġunijiet professjonali.*

WERREJ¹

PARTEĊIPANTI.....	6
--------------------------	----------

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

PRIJORITAJIET TAL-PRESIDENZA	8
STRATEĠIJA TAL-UE GĦAR-REĠJUN TAL-BAĦAR BALTIKU.....	9
TKABBIR - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill</i>	10
AFFARIJIET OĦRA	11

PUNTI OĦRAJN LI ĠEW APPROVATI*RELAZZJONIJIET ESTERNI*

– Kenja - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill</i>	12
– Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea - Miżuri restrittivi.....	13
– Iran - Emenda teknika għal miżuri restrittivi	13
– Implimentazzjoni tal-konvenzjoni dwar l-armi kimiċi.....	13

POLITIKA EWROPEA TA' SIGURTÀ U DIFIŻA

– Estensjoni tal-mandat tal-missjoni ta' monitoraġġ tal-UE fil-Ġeorġja.....	14
– Kroazja - Parteċipazzjoni fl-operazzjoni militari tal-UE kontra l-piraterija 'l barra mill-kosta tas-Somalja	14
– Konsultazzjonijiet mar-Repubblika tal-Ginea.....	15
– UE/Afrika tal-Lvant - Ftehim ta' sħubija ekonomika.....	15

POLITIKA KUMMERĊJALI

– UE/Turkmenistan - Ftehim kummerċjali proviżorju.....	16
– Miżuri antidumping: Basktijiet tal-plastik, vireg tal-wajer, tereftalat tal-polietilene u glifożat.....	16

- ¹
- Meta dikjarazzjonijiet, konklużjonijiet jew riżoluzzjonijiet ikunu ġew adottati formalment mill-Kunsill, dan ikun indikat fl-intestatura tas-suġġett ikkonċernat u t-test jitqiegħed bejn il-virgoletti.
 - Id-dokumenti li r-referenzi tagħhom jingħataw fit-test qiegħdin fis-sit ta' l-Internet tal-Kunsill <http://www.consilium.europa.eu>.
 - Atti adottati b'dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill li jkunu jistgħu jinħarġu għall-pubbliku huma indikati b'asterisk; dawn id-dikjarazzjonijiet qiegħdin fuq is-sit ta' l-Internet tal-Kunsill imsemmi hawn fuq jew jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju ta' l-Istampa.

AFFARIJJIET ĠENERALI

- Ħidma fil-konfigurazzjonijiet differenti tal-Kunsill 17

AFFARIJJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

- Aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu..... 17
- Rekwiżiti ta' kapital għall-banek 18
- Ħlasijiet transkonfinali..... 19
- Flus elettroniċi..... 19
- Programm li jappoġġa l-effettività tal-politika tal-UE..... 20
- Slovenja - Awditur estern tal-bank ċentrali nazzjonali 20

ĠUSTIZZJA U AFFARIJJIET INTERNI

- UE/Balkani tal-Punent - Pjan ta' azzjoni dwar id-drogi 20
- UE/Stati Uniti - Negozjati rigward informazzjoni dwar ħlasijiet 21
- Kooperazzjoni fil-fruntieri esterni - Parteċipazzjoni tal-Liechtenstein u tal-Isvizzera..... 21

RIĊERKA

- UE/Russja - Assoċjazzjoni għas-seba' programm qafas ta' riċerka..... 21
- Programm dwar il-metroloġija 22

TRASPORT

- Trasport tal-merkanzija - Emenda għall-programm Marco Polo II 22

ENERĠIJA

- Ftehim ta' kooperazzjoni Euratom/Kanada - Enerġija atomika 23

TELEKOMUNIKAZZJONI

- Soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej..... 24
- Faxex ta' frekwenza għall-komunikazzjoni mobbli diġitali ċellulari bbażata fuq l-art 24

LIĠI TAL-KUMPANNIJI

- Għaqdiet u diviżjonijiet ta' kumpanniji tal-UE - Simplifikazzjoni tar-rekwiżiti..... 25

POLITIKA SOĊJALI

- Koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali 25

AMBJENT

– Kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-foki.....	26
– Kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti bijoċidali.....	26
– Prodotti bijoċidali: tolifluwanid u flokumafen - Lista ta' sustanzi attivi.....	27
– Kummerċ ta' sustanzi kimiċi perikolużi.....	27
– Infrastruttura għall-informazzjoni ġeografika.....	27
– Sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu.....	28

AGRIKOLTURA

– Livelli massimi ta' residwi għal ċerti pestiċidi.....	28
---	----

SAJD

– Qabdiet totali permissibbli - Aġġustamenti għall-2009.....	28
– Reġim ta' sforz ta' sajd għall-merluzz - Spanja u Svezja.....	29

BAGĪT

– Rapport speċjali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-infiq għat-trattament tal-ilma mormi - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill</i>	30
– Rapport speċjali tal-Qorti tal-Awdituri dwar kooperazzjoni fl-iżvilupp - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill</i>	30

STATISTIKA

– Statistika dwar is-soċjetà tal-informazzjoni.....	30
---	----

TRASPARENZA

– Trasparenza - aċċess pubbliku għal dokumenti.....	31
---	----

ĦATRIET

– Direttur Ġenerali tal-persunal militari tal-UE.....	31
– Kumitat tar-Regġuni.....	31
– Kumitat Ekonomiku u Soċjali.....	32
– Oħrajn.....	32

PARTEĊIPANTI

Il-gvernijiet tal-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea kienu rrappreżentati kif ġej:

Belġju:

Is-Sur Yves LETERME
Is-Sur Olivier CHASTEL

Ministru tal-Affarijiet Barranin
Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ewropej

Bulgarija:

Is-Sur Boyko KOTZEV

Rappreżentant Permanenti

Repubblika Ċeka:

Is-Sur Jan KOHOUT
Is-Sur Štefan FÜLE

Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin
Ministru tal-Affarijiet Ewropej

Danimarka:

Poul Skytte CHRISTOFFERSEN

Rappreżentant Permanenti

Ġermanja:

Is-Sur Günter GLOSER

Ministru tal-Istat, Ministeru tal-Affarijiet Barranin

Estonja:

Is-Sur Urmas PAET

Ministru tal-Affarijiet Barranin

Irlanda:

Is-Sur Dick ROCHE

Ministru tal-Istat fid-Dipartiment tat-Taioseach u fid-Dipartiment tal-Affarijiet Barranin b'responsabbiltà speċjali għall-Affarijiet Ewropej

Greċja:

Is-Sinjura Dora BAKOYANNI

Ministru tal-Affarijiet Barranin

Spanja:

Is-Sur Diego LÓPEZ GARRIDO

Segretarju tal-Istat għall-Unjoni Ewropea

Franza:

Is-Sur Bernard KOUCHNER
Is-Sur Pierre LELLOUCHE

Ministru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej
Segretarju tal-Istat b'responsabbiltà għall-Affarijiet Ewropej

Italja:

Is-Sur Franco FRATTINI

Ministru tal-Affarijiet Barranin

Ċipru:

Is-Sur Marcos KYPRIANOU

Ministru tal-Affarijiet Barranin

Latvja:

Is-Sur Andris TEIKMANIS

Segretarju tal-Istat, Ministeru tal-Affarijiet Barranin

Litwanja:

Is-Sur Vygaudas UŠACKAS

Ministru tal-Affarijiet Barranin

Lussemburgu:

Is-Sur Jean ASSELBORN

Viċi Prim Ministru, Ministru tal-Affarijiet Barranin u l-Immigrazzjoni

Ungerija:

Is-Sur Péter BALÁZS

Ministru tal-Affarijiet Barranin

Malta:

Is-Sur Tonio BORG

Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin

Olanda:

Is-Sur Tom de BRUIJN

Rappreżentant Permanenti

Awstrija:

Is-Sur Michael SPINDELEGGER

Ministru Federali tal-Affarijiet Ewropej u dawk Internazzjonali

Polonja:

Is-Sur Radosław SIKORSKI

Ministru tal-Affarijiet Barranin

Portugall:

Is-Sur Luis AMADO
Is-Sinjura Teresa RIBEIRO

Ministru tal-Istat u Ministru tal-Affarijiet Barranin
Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ewropej

Rumanija:

Is-Sur Cristian DIACONESCU

Ministru tal-Affarijiet Barranin

Slovenja:

Is-Sur Igor SENČAR

Rappreżentant Permanenti

Slovakkja:

Is-Sinjura Oľga ALGAYEROVÁ

Segretarju tal-Istat fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin

Finlandja:

Is-Sur Alexander STUBB
Is-Sinjura Astrid THORS

Ministru tal-Affarijiet Barranin
Ministru tal-Migrazzjoni u l-Affarijiet Ewropej

Svezja:

Is-Sur Carl BILDT
Is-Sinjura Cecilia MALMSTRÖM
Is-Sur Frank BELFRAGE

Ministru tal-Affarijiet Barranin
Ministru tal-Affarijiet Ewropej
Segretarju tal-Istat fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin

Renju Unit:

Is-Sur David MILIBAND

Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Barranin u l-Commonwealth

Kummissjoni

Is-Sur Antonio TAJANI

Viċi President

Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill:

Is-Sur Javier SOLANA

Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli għall-PESK

PUNTI LI ĠEW DISKUSSI

PRIJORITAJIET TAL-PRESIDENZA

Il-Kunsill ħa nota tal-prijoritajiet stabbiliti mill-presidenza Svediża għal matul il-mandat tagħha, minn Lulju sa Diċembru 2009. Kien hemm skambju qasir ta' fehmiet.

STRATEĠIJA TAL-UE GĦAR-REĠJUN TAL-BAĦAR BALTIKU

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni mill-Kummissjoni ta' komunikazzjoni dwar l-istrateġija tal-UE għar-reġjun tal-Baħar Baltiku u pjan ta' azzjoni assoċjat magħha ([11308/09](#) + [ADD 3](#)). Kien hemm skambju ta' fehmiet.

L-istrateġija proposta għandha l-għan li toħloq ambjent sostenibbli għall-Baħar Baltiku, issaħħaħ il-prosperità fir-reġjun, li jsir post aċċessibbli, attraenti, bla periklu u li joffri sigurtà. Ir-reġjun tal-Baħar Baltiku huwa żona eteroġenea f'termini ekonomiċi, ambjentali u kulturali, iżda l-pajjiżi kkonċernati, li tmienja minnhom huma membri tal-UE, jaqsmu riżorsi komuni bejniethom u juru interdipendenza konsiderevoli.

Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni hija tweġiba għal talba mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru li għadda. Il-ħidma ta' tħejjija bdiet diġà, bil-ħsieb li l-Kunsill ikun jista' jadotta konklużjonijiet fil-laqgħa tiegħu tas-26 u s-27 ta' Ottubru.

TKABBIR - *Konklużjonijiet tal-Kunsill*

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin:

"Il-Kunsill ifakkar fil-kunsens imġedded dwar it-tkabbir kif espress fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-14/15 ta' Diċembru 2006, inkluż il-prinċipju li kull pajjiż applikant jiġi vvalutat fuq il-merti tiegħu.

F'ittra bid-data tas-16 ta' Lulju 2009, il-Prim Ministru s-Sinjura Jóhanna Sigurðardóttir u l-Ministru tal-Affarjiet Barranin is-Sur Össur Skarphéðinsson ippreżentaw l-applikazzjoni tal-Islanda għal sħubija fl-Unjoni Ewropea.

Il-Kunsill jiddeċiedi li jimplementa l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 49 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, il-Kummissjoni hi mistiedna tippreżenta lill-Kunsill l-opinjoni tagħha dwar din l-applikazzjoni.

Il-Kunsill jaħtaf din l-opportunità biex itenni l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-perspettiva Ewropea tal-Balkani tal-Punent, u jenfasizza li ser jirritorna għall-applikazzjoni tal-Albanija għal sħubija ladarba l-proċedura tal-elezzjoni tal-Albanija tkun tlestiet."

AFFARIJIET OĦRA

– **L-Eġew u x-Xlokk tal-Mediterran**

Il-Kunsill ħa nota tat-tħassib imlissen mid-delegazzjonijiet ta' Ċipru u tal-Greċja dwar l-attivitajiet tat-Turkija fl-Eġew u fix-Xlokk tal-Mediterran.

PUNTI OĦRAJN APPROVATI**RELAZZJONIJIET ESTERNI****Kenja - Konklużjonijiet tal-Kunsill**

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet li ġejjin:

- "1. Il-Kunsill qed isegwi mill-qrib il-proċess ta' riforma fil-Kenja, kif stabbilit fl-Att ta' Akkordju u Rikonċiljazzjoni Nazzjonali (2008), bil-medjazzjoni tal-panel tal-UA ta' personalitajiet eminenti Afrikani taħt l-Eċċellenza Tiegħu Kofi Annan. Huwa jqis li l-implimentazzjoni immedjata tar-riformi maqbula hija ta' importanza kbira għar-rikonċiljazzjoni, il-bini tan-nazzjon, l-iżvilupp u l-prevenzjoni ta' aktar kunflitt fil-Kenja.
2. Il-Kunsill jagħraf ir-rwol ċentrali tal-Kenja għall-istabbiltà reġjonali u l-importanza tas-sħubija tal-Kenja biex jiġu indirizzati materji ta' importanza reġjonali, pereżempju l-ġlieda kontra l-piraterija. Il-Kunsill jissottolinja li t-twettiq tal-aġenda ta' riforma huwa ta' importanza kruċjali mhux biss għall-Kenja iżda għar-reġjun in ġenerali.
3. Il-Kunsill jinnota li ttieħdu xi passi proċedurali biex jiġu avvanzati r-riformi. Huwa jinkuraġġixxi bil-qawwa lill-Gvern tal-Kenja biex juża dan il-momentum biex tkun żgurata l-implimentazzjoni f'waqtha u deċiżiva tal-oqsma kollha fl-Att ta' Akkordju u Rikonċiljazzjoni Nazzjonali. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-mexxejja politiċi tal-Kenja biex iħaffu l-implimentazzjoni tar-riformi, filwaqt li jagħtu prijorità lil riforma kostituzzjonali komprensiva, riforma elettorali, riforma tal-pulizija u ġudizzjarja kif ukoll miżuri mtejba biex tintemm l-impunità għal reati relatati mal-vjolenza u l-korruzzjoni.
4. Sabiex tintemm l-impunità tal-awturi tal-vjolenza ta' wara l-elezzjoni, il-Kunsill jappella għall-istabbiliment ta' tribunal lokali speċjali li jkun kredibbli, indipendenti u protett bil-kostituzzjoni. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-kooperazzjoni mal-Qorti Kriminali Internazzjonali tal-awtoritajiet Kenjani u jappoġġa bis-sħiħ l-isforzi tal-Eċċellenza Tiegħu Kofi Annan biex ikunu ffaċilitati r-riżultati.

5. Il-Kunsill jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar rapporti ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u theddid kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll dwar rapporti ta' qtil ekstraġudizzjarju. Huwa jappella lill-Gvern biex minnufih jinvestiga u jressaq quddiem il-qorti l-awturi kollha ta' qtil illeġittimu, inklużi dawk l-awturi li jiffurmaw parti mill-forzi tas-sigurtà. Huwa jappella għall-iżvilupp ta' mekkaniżmi mtejba ta' responsabbiltà f'dan ir-rigward.

Il-Kunsill itenni r-rieda tiegħu li jappoġġa l-proċess ta' riforma."

Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea - Miżuri restrittivi

Il-Kunsill adotta pożizzjoni komuni li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2006/795/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea, li twessa' l-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk il-miżuri konformement mar-risoluzzjoni 1874 (2009) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU.

Dan isegwi l-ittestjar ta' apparat splussiv nukleari mir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea fil-25 ta' Mejju.

Aktar dettalji jinstabu fl-istqarrija għall-istampa [12391/09](#).

Iran - Emenda teknika għal miżuri restrittivi

Il-Kunsill adotta regolament li jintroduċi emenda teknika għar-Regolament 423/2007 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran ([11085/09](#)).

Ir-regolament itawwal sal-31 ta' Diċembru 2010 l-perijodu ta' transizzjoni għall-implimentazzjoni ta' obbligu ta' notifika minn qabel rigward ċerti kunsinni lejn u mill-Iran. L-obbligu ta' notifika minn qabel kien impost bir-Regolament 1110/2008 (*ĠU L 300, 11.11.2008, p. 1*), adottat mill-Kunsill f'Novembru 2008 b'segwitu għall-Pożizzjoni Komuni 2008/652/PESK (*ĠU L 213, 8.8.2008, p. 58*).

Implimentazzjoni tal-konvenzjoni dwar l-armi kimiċi

Il-Kunsill adotta deċizzjoni dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-Organizzazzjoni għall-Projbizzjoni tal-Armi Kimiċi (OPCW), fil-qafas tal-istrateġija tal-UE kontra l-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva ([10317/09](#)).

L-UE ser tappoġġa l-attivitajiet tal-OPCW li għandhom l-għan li tinkiseb l-implimentazzjoni sħiħa tal-konvenzjoni dwar l-armi kimiċi mill-istati li huma parti għaliha, isaħħu l-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tal-attivitajiet kimiċi u jħeġġu lil stati oħrajn biex jissieħbu fil-konvenzjoni.

Id-deċiżjoni ġġedded l-appoġġ ipprovdut permezz ta' azzjonijiet konġunti suċċessivi tal-UE sa mill-2005, li l-aħħar waħda minnhom tiskadi mat-tmiem ta' Lulju.

Il-kontribut finanzjarju tal-UE marbut mad-deċiżjoni jammonta għal EUR 2,11 miljun.

POLITIKA EWROPEA TA' SIGURTÀ U DIFIŻA

Estensjoni tal-mandat tal-missjoni ta' monitoraġġ tal-UE fil-Ġeorġja

Il-Kunsill adotta azzjoni konġunta li ttawwal il-missjoni ta' monitoraġġ tal-UE fil-Ġeorġja, li kienet ser tiskadi fl-14 ta' Settembru 2009, għal tmax-il xahar ieħor sal-14 ta' Settembru 2010 ([11471/09](#)).

Huwa adotta wkoll azzjoni konġunta li ttawwal il-mandat tar-rappreżentant speċjali tal-UE għall-kriżi fil-Ġeorġja, Pierre Morel, għal sitt xhur oħra, sat-28 ta' Frar 2010 ([11833/09](#)), u deċiżjoni li ttawwal b'xahrejn, sat-30 ta' Settembru 2009, id-deċiżjoni tiegħu dwar il-missjoni internazzjonali ta' tiftix tal-fatti dwar il-konflitt fil-Ġeorġja.

Kroazja - Parteċipazzjoni fl-operazzjoni militari tal-UE kontra l-piraterija 'l barra mill-kosta tas-Somalja

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li tapprova l-iffirmar ta' ftehim mal-Kroazja dwar il-partiċipazzjoni tagħha f'Atalanta, l-operazzjoni militari tal-UE kontra l-piraterija 'l barra mill-kosta tas-Somalja ([10088/09](#)).

Il-ftehim ser jippermetti lill-Kroazja tipparteċipa fl-operazzjoni b'appoġġ tar-riżoluzzjonijiet 1814, 1816, 1838 u 1846 adottati fl-2008 mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

Il-ftehim ser ikun applikat fuq bażi proviżorja mid-data tal-iffirmar, sakemm jiġi konkluż formalment.

Aktar tagħrif dwar l-"Atalanta" jinstab fuq: <http://www.consilium.europa.eu/eunavfor-somalia>

KOOPERAZZJONI FL-IŻVILUPP

Konsultazzjonijiet mar-Repubblika tal-Ginea

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li tikkonkludi l-konsultazzjonijiet li kien hemm mar-Repubblika tal-Ginea taħt l-Artikolu 96 tal-ftehim ta' sħubija AKP-UE, bil-ħsieb li l-pajjiż jingħata għajnuma sabiex jerġa' lura għall-ordni kostituzzjonali ([11766/09](#)).

Aktar tagħrif jinstab fl-istqarrija għall-istampa [12379/09](#).

UE/Afrika tal-Lvant - Ftehim ta' sħubija ekonomika

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li tawtorizza l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' ftehim li jstabilixxi qafas għal ftehim ta' sħubija ekonomika mal-istati sieħba tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant: il-Burundi, il-Kenja, ir-Rwanda, it-Tanzanija u l-Uganda ([17462/08](#)).

Il-qafas jinkludi impenji u negozjati bl-għan li jinkorpora aktar elementi sabiex jinkiseb ftehim ta' sħubija ekonomika (FSE) sħiħa.

L-objettivi ġenerali tal-FSE huma sabiex:

- jikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp permezz tal-istabiliment ta' sħubija kummerċjali msaħħa;
- jippromwovi l-integrazzjoni reġjonali, il-kooperazzjoni ekonomika u governanza tajba fil-Komunità tal-Afrika tal-Lvant (EAC);
- jippromwovi l-integrazzjoni gradwali tal-EAC fl-ekonomija dinjija;
- irawwem it-trasformazzjoni strutturali tal-ekonomiji tal-EAC, u d-diversifikazzjoni u l-kompetittività tagħhom billi jsaħħilhom il-kapaċità produttiva, ta' provvista, u kummerċjali;

- itejjeb il-kapaċitajiet f'termini ta' politika kummerċjali;
- jistabbilixxi u jimplimenta qafas regolatorju effettiv, prevedibbli u trasparenti għall-kummerċ u l-investment fir-reġjun;
- isaħħaħ ir-relazzjonijiet eżistenti bejn il-partijiet fuq il-bażi tas-solidarjetà u tal-interess reċiproku;
- jippromwovi l-iżvilupp tas-settur privat u t-tkabbir fl-impjiegi.

POLITIKA KUMMERĊJALI

UE/Turkmenistan - Ftehim kummerċjali proviżorju

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li tapprova l-konklużjoni ta' ftehim proviżorju mat-Turkmenistan dwar il-kummerċ u materji marbuta mal-kummerċ.

Il-ftehim proviżorju għe approvat sakemm jidħol fis-seħħ ftehim ta' sħubija u kooperazzjoni mat-Turkmenistan, li għe ffirmat fi Brussell fil-25 ta' Mejju 1998.

Miżuri antidumping: Basktijiet tal-plastik, vireg tal-wajer, tereftalat tal-polietilene u glifożat

Il-Kunsill adotta dawn ir-regolamenti:

- li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor b' mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' vireg tal-wajer li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jtemm il-proċediment fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' vireg tal-wajer li joriġinaw fir-Repubblika tal-Moldova u fit-Turkija ([11865/09](#));
- li jtemm ir-reviżjoni parzjali interim tal-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti xkejjer u basktijiet tal-plastik li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ([11777/09](#)); u

- it-tmiem tar-reviżjoni tal-"esportatur il-ġdid" tar-Regolament 192/2007 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti tipi ta' polyethylene terephthalate li joriġinaw, inter alia, fil-Malasja, bl-impożizzjoni mill-ġdid tad-dazju fir-rigward tal-importazzjonijiet minn esportatur wieħed f'dan il-pajjiż u bit-tmiem tar-reġistrazzjoni ta' dawn l-importazzjonijiet ([11564/09](#)). Il-Polyethylene terephthalate (PET) huwa poljester użat ħafna fl-industrija tal-plastika.

Fil-15 ta' Lulju, il-Kunsill iddeċieda wkoll, bi proċedura bil-miktub, li jressaq appell quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja kontra s-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Prim'Istanza tas-17 ta' Ġunju 2009 fil-każ T-498/04: Zhejiang Xinan Chemical Industrial Group Co. Ltd kontra l-Kunsill tal-UE, rigward l-annullament ta' miżuri antidumping imposti mill-UE fl-2004 fuq importazzjonijiet ta' glifożat li joriġina miċ-Ċina. Il-Glifożat hija kimika erbiċida li tintuża ħafna mill-bdiewa madwar id-dinja.

AFFARIJJIET ĠENERALI

Ħidma fil-konfigurazzjonijiet differenti tal-Kunsill

Il-Kunsill ħa nota ta' rapport mill-presidenza dwar il-proċedimenti fil-konfigurazzjonijiet l-oħra tal-Kunsill ([12158/09](#)).

AFFARIJJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

Aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu

Il-Kunsill adotta regolament li jintroduċi qafas legali għall-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, wara qbil milġuq mal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari ([3642/09](#)).

Ir-regolament huwa mmirat biex jiżgura li l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu użati fl-UE għal skopijiet regolatorji jkunu tal-ogħla kwalità, u maħruġa minn aġenziji li huma soġġetti għal ħtiġijiet stretti. Dan huwa bi tweġiba għal appelli kemm mill-Kunsill Ewropew kif ukoll mill-G-20.

Ir-regolament jipprovdi għal reġistrazzjoni li torbot legalment u sistema ta' sorveljanza għall-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu li joħorġu klassifikazzjonijiet li huma intiżi għal użu għal skopijiet regolatorji.

Aktar dettalji jinstabu fl-istqarrija għall-istampa [12380/09](#).

Rekwiżiti ta' kapital għall-banek

Il-Kunsill adotta direttiva li taġġorna r-rekwiżiti ta' kapital tal-UE għall-banek, wara qbil milħuq mal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari ([3670/09](#)).

Id-direttiva għandha l-għan li tissikka r-regoli dwar rekwiżiti ta' kapital għall-banek, bi tweġiba għal dgħujfijiet speċifiċi identifikati fid-dawl tal-kriżi finanzjarja

Hija temenda d-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE¹ f'ħames oqsma prinċipali:

- Aktar sorveljanza tal-gruppi bankarji transkonfinali:
- Titjib tal-qafas għall-prattiki ta' titolizzazzjoni.
- Armonizzar tal-klassifikazzjoni tal-fondi kapitali ta' "l-ewwel livell" u l-istrumenti ibridi tal-banek, bi rwol ċentrali mogħti lill-KESB fl-iżgurar ta' aktar uniformità tal-prattiċi tas-superviżuri.
- Introduzzjoni ta' regoli dwar il-ġestjoni tar-riskji ta' likwidità, partikolarment fir-rigward tal-istabbiliment ta' riżervi ta' assi likwidi, it-tweġiq ta' testijiet dwar l-istress fuq il-likwidità u l-istabbiliment ta' pjani ta' kontinġenza.
- Aktar sorveljanza stretta tal-espożizzjoni għar-riskju għal kontroparti waħda ("espożizzjoni għal riskji kbar").

Aktar dettalji jinstabu fl-istqarrija għall-istampa [12380/09](#).

¹ Id-Direttiva 2006/48/KE dwar l-istabbiliment u l-eżerċizzju tal-attività ta' istituzzjonijiet ta' kreditu; Id-Direttiva 2006/49/KE dwar l-adeqwatezza tal-kapital tal-kumpanniji ta' l-investment u istituzzjonijiet ta' kreditu;

Ħlasijiet transkonfinali

Il-Kunsill adotta regolament dwar il-ħlasijiet transkonfinali f'euro, wara qbil milħuq mal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari ([3665/09](#)).

Ir-regolament huwa mmirat biex jinkiseb suq uniku għal servizzi ta' ħlasijiet f'euro mingħajr distinzjoni bejn ħlasijiet transkonfinali u ħlasijiet magħmula fuq bażi nazzjonali.

Huwa jaġġorna u jissostitwixxi r-Regolament 2560/2001 dwar il-ħlasijiet transkonfinali, waqt li jestendi l-prinċipju tal-ugwaljanza tal-imposti għal debiti diretti, u jallinja d-definizzjoni u l-formolazzjoni ma' dawk tad-Direttiva 2007/64/KE dwar is-servizzi ta' ħlasijiet.

Aktar dettalji jinstabu fl-istqarrija għall-istampa [12380/09](#).

Flus elettroniċi

Il-Kunsill adotta direttiva dwar il-flus elettroniċi, wara qbil milħuq mal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari ([3666/09](#)).

Id-direttiva hija mmirata għall-promozzjoni tal-ħolqien ta' servizzi ta' flus elettroniċi li huma kemm innovattivi u siguri, waqt li titrawwem il-kompetizzjoni bejn il-parteċipanti tas-suq u jiġi pprovdut aċċess għas-suq lil atturi ġodda. Hija taġġorna d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/46/KE, u tagħmel sforz biex tiżgura konsistena mad-Direttiva 2007/64/KE dwar is-servizzi ta' ħlasijiet.

Aktar dettalji jinstabu fl-istqarrija għall-istampa [12380/09](#).

Programm li jappoġġa l-effettività tal-politika tal-UE

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li tistabbilixxi programm dwar is-servizzi finanzjarji, wara qbil milħuq mal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari ([3671/09](#)).

Il-programm ser jippermetti lill-Komunità tipparteċipa fil-finanzjament ta' ċerti korpi, kemm Ewropej kif ukoll internazzjonali, sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-politiki tal-UE fis-settur tas-servizzi finanzjarji u fl-oqsma tar-rappurtar finanzjarju u l-verifika statutorja.

Id-deċiżjoni tipprevedi pakkett finanzjarju li jammonta għal EUR 38.7 miljun għall-perijodu 2010-13.

Aktar dettalji jinstabu fl-istqarrija għall-istampa [12380/09](#).

Slovenja - Awditur estern tal-bank ċentrali nazzjonali

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li tapprova l-ħatra ta' Deloitte revizja d.o.o bħala l-awditur estern tal-Bank tas-Slovenja għas-snin 2009 sal-2011 ([11244/09](#)).

ĠUSTIZZJA U AFFARIJJIET INTERNI

UE/Balkani tal-Punent - Pjan ta' azzjoni dwar id-drogi

Il-Kunsill approva pjan ta' azzjoni aġġornat dwar id-droga bejn l-UE u l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent għall-perijodu 2009-2013 ([12185/09](#)).

Il-pjan jissostitwixxi pjan ta' azzjoni preċedenti, adottat fl-2003 biex jiġu indirizzati l-problemi marbuta mad-droga fuq ir-rotta Balkana. L-objettiv huwa li jinżamm qafas għal kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u biex isir kontribut għall-koordinazzjoni tal-isforzi fl-implimentazzjoni ta' diversi programmi tal-UE u inizjattivi reġjonali.

Il-pjan jinkludi kemm id-domanda kif ukoll il-provvista.

UE/Stati Uniti - Negozjati rigward informazzjoni dwar ħlasijiet

Il-Kunsill approva linji gwida għal negozjati mal-Istati Uniti għal qbil internazzjonali biex l-informazzjoni dwar messaġġi ta' ħlasijiet finanzjarji ssir disponibbli lid-Dipartiment tat-Teżor tal-Istati Uniti sabiex jiġi prevenut it-terroriżmu u l-iffinanzjar tat-terroriżmu ("Sistema rapida").

Kooperazzjoni fil-fruntieri esterni - Parteċipazzjoni tal-Liechtenstein u tal-Isvizzera

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li tapprova l-iffirmar ta' ftehim mal-Liechtenstein u l-Isvizzera dwar il-partiċipazzjoni tagħhom fil-Frontex, l-aġenzija tal-UE għall-kooperazzjoni fil-fruntieri esterni ([10701/09](#)).

Il-Frontex ġiet stabbilita fl-2004 taħt ir-Regolament 2007/2004 (<http://www.frontex.europa.eu/>).

RIĊERKA

UE/Russja - Assoċjazzjoni għas-seba' programm qafas ta' riċerka

Il-Kunsill approva l-prinċipji gwida għan-negozjati li għandhom jitmexxew mill-Kummissjoni dwar l-assoċjazzjoni possibbli tal-Federazzjoni Russa mas-seba' programm qafas tal-UE għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni fil-qafas ta' ftehim ġdid UE-Russja.

Programm dwar il-metroloġija

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li tapprova l-parteċipazzjoni tal-UE fi programm ta' riċerka Ewropew dwar il-metroloġija ([3661/09](#)).

Id-deċiżjoni ser tippermetti lill-Komunità li tagħmel kontribut ta' mhux aktar minn EUR 200 miljun lill-programm ta' riċerka Ewropew futur dwar il-metroloġija (EMRP).

L-EMRP ser jitmexxa b'mod konġunt minn dsatax-il Stat Membru tal-UE u tliet pajjiżi terzi,¹ bil-ħsieb tal-istabbiliment tal-qafas legali u organizzattiv meħtieġ għal kooperazzjoni fuq skala kbira dwar ir-riċerka fil-metroloġija u b'risposta għad-domanda li qed tikber fl-Ewropa għal metroloġija mill-aktar avvanzata, partikolarment fl-oqsma teknoloġiċi emerġenti.

Il-metroloġija, ix-xjenza tal-kejl, hija qasam transdixxiplinari u komponent ewlieni ta' soċjetà moderna bbażata fuq l-għarfien. Standards ta' kejl affidabbli u komparabbli u metodi ta' kejl u ttestjar ivvalidati kif xieraq isaħħu l-proċess ta' żvilupp xjentifiku u innovazzjoni teknoloġika u b'hekk għandhom impatt sinifikanti fuq l-ekonomija u l-kwalità tal-ħajja.

Is-seba' programm qafas ta' riċerka tal-UE (2007-2013)² jipprevedi l-parteċipazzjoni Komunitarja fil-programmi ta' riċerka u żvilupp mibdija minn diversi Stati Membri, inkluż il-parteċipazzjoni fl-istrutturi maħluqa għall-eżekuzzjoni ta' dawk il-programmi.

TRASPORT

Trasport tal-merkanzija - Emenda għall-programm Marco Polo II

Il-Kunsill adotta regolament li jemenda r-Regolament 169/2006 dwar it-tieni programm "Marco Polo" tal-UE għall-għoti ta' assistenza finanzjarja Komunitarja biex titjeb il-prestazzjoni ambjentali tas-sistema tat-trasport tal-merkanzija, wara qbil milħuq mal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari ([3660/09](#)).

¹ L-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Isvezja, l-Italja, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju Unit, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja u l-Ungerija, u kif ukoll l-Isvizzera, in-Norveġja u t-Turkija.

² ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1.

L-emenda għall-programm Marco Polo II hija intiża biex iżżid l-effettività tiegħu f'termini ta' ċaqlieq tal-merkanzija mit-trasport bit-triq għat-trasport bil-baħar, passaġġi fuq l-ilma interni u ferrovija. Ir-regolament il-ġdid jindirizza problemi ffaċċjati taħt ir-regolament attwali f'li parti sostanzjali tal-baġit allokat ma ntużax.

Dawn il-problemi huma indirizzati permezz ta' li ġej: miżuri għall-iffaċilitar tal-parteċipazzjoni ta' impriżi żgħar u mikro-impriżi; tnaqqis tal-limiti ta' eliġibbiltà għal azzjoni; żieda fl-intensità tal-iffinanzjar; u simplifikar tal-implimentazzjoni tal-programm u l-proċeduri amministrattivi.

Il-Kummissjoni ser tippreżenta komunikazzjoni dwar ir-riżultati miksuba mill-programm Marco Polo għall-perijodu 2003-2010, qabel it-tfassil ta' proposta għat-tielet programm Marco Polo.

Marco Polo ġie stabbilit fl-2003 bir-Regolament 1382/2003 bil-ħsieb li jiġu offruti alternattivi bl-użu ta' modi oħra ta' trasport lil operaturi fuq toroq traffikużi ħafna.

ENERĠIJA

Ftehim ta' kooperazzjoni Euratom/Kanada - Enerġija atomika

Il-Kunsill approva wkoll direttivi għan-negozjar mill-ġdid ta' ftehim ta' kooperazzjoni bejn l-Euratom (il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika) u l-Kanada dwar l-użu paċifiku tal-enerġija atomika.

Il-ftehim attwali, iffirmit fl-1959, u l-emendi sussegwenti tiegħu jkopru l-kummerċ f'materjali nukleari, it-tagħmir, l-użu tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, l-iskambju ta' informazzjoni, kif ukoll it-trasferiment u l-użu ta' tritium u tagħmir relatat ieħor għall-programm ta' fusjoni tal-Euratom.

TELEKOMUNIKAZZJONI

Soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li tistabbilixxi, għall-perijodu 2010-2015, programm dwar is-soluzzjonijiet ta' interoperabbiltà għall-amministrazzjonijiet pubbliċi Ewropej (programm ISA) (PE-CONS [3667/09](#)).

Il-programm għandu l-għan li jappoġġa l-kooperazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet, inkluż l-amministrazzjonijiet lokali u reġjonali u l-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji, billi jiġu ffaċilitati l-interazzjonijiet elettroniċi transkonfinali u transsettorjali.

Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-programm għall-perijodu ta' ħames snin huwa stabbilit għal EUR 164.1 miljun.

Il-programm ISA huwa segwitu għall-programm IDABC (forniment interoperabbli ta' servizzi pan-Ewropej tal-Gvern elettroniku lill-amministrazzjonijiet pubbliċi, lin-negozji u liċ-ċittadini), li ser jintemm fil-31 ta' Diċembru 2009.

Faxex ta' frekwenza għall-komunikazzjoni mobbli diġitali ċellulari bbażata fuq l-art

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li temenda d-Direttiva 87/372/KEE dwar il-faxex ta' frekwenza li għandhom jiġu rriżervati għall-introduzzjoni kordinata ta' komunikazzjonijiet mobbli terrestri pubbliċi ċellulari diġitali pan-Ewropej fil-Komunità (PE-CONS [3673/09](#)).

Permezz tad-direttiva, il-faxxa ta' 900 MHz issir disponibbli mhux biss għall-GSM, iżda wkoll għall-UMTS u sistemi ta' komunikazzjoni elettronika bbażati fuq l-art, dment li jkun jistgħu jeżistu flimkien ma' sistemi oħra ta' GSM mingħajr interferenza dannuża. L-objettiv tagħha huwa li tiġi massimizzata l-kompetizzjoni billi tiġi offruta lill-utenti għażla usa' ta' servizzi u teknoloġiji, waqt li tinżamm id-disponibbiltà tal-GSM fl-Ewropa kollha.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-assenjar tal-faxxa ta' 900 MHz lil operaturi mobbli f'kompetizzjoni ma' xxejkilx il-kompetizzjoni fis-swieq mobbli.

Ser ikollhom sitt xhur mid-dħul fis-seħħ tad-direttiva biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tagħha.

LIĠI TAL-KUMPANNIJI

Għaqdiet u diviżjonijiet ta' kumpanniji tal-UE - Simplifikazzjoni tar-rekwiżiti

Il-Kunsill adotta, b'maġġoranza kwalifikata, direttiva li tissimplifika r-regoli dwar ir-rappurtar u l-rekwiżiti ta' dokumentazzjoni fil-każ ta' għaqdiet jew diviżjonijiet ta' kumpanniji tal-UE, wara qbil milħuq mal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari ([3644/09](#) u [11140/1/09 ADD 1](#)).

Id-delegazzjoni Ġermaniża u dik Awstrijaka vvutaw kontra.

Id-direttiva għandha l-għan li tnaqqas l-ispejjeż marbuta mal-għaqdiet jew id-diviżjonijiet billi jiġu limitati r-rekwiżiti tar-rappurtar dettaljat, kif ukoll billi l-kumpanniji jitħallew jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa lill-azzjonisti jew partijiet terzi permezz ta' mezzi elettroniċi, minflok ma jissejħu laqgħat ġenerali. Hija timmodifika d-Direttiva 78/855/KEE dwar l-għaqdiet (it-tielet direttiva dwar il-liġi tal-kumpanniji) u d-Direttiva 82/891/KEE dwar id-diviżjonijiet tal-kumpanniji (is-sitt direttiva dwar il-liġi tal-kumpanniji).

Hija tintroduċi wkoll l-aġġustamenti meħtieġa għad-Direttivi 2005/56/KE (dwar l-għaqdiet transkonfinali) u 77/91/KEE (fir-rigward tas-salvagwardji marbuta mal-kapital tal-kumpanniji), f'konformità mal-modifiki għat-tielet u s-sitt direttiva.

L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet il-ġodda qabel it-30 ta' Ġunju 2011. Il-Kummissjoni ser tirrevedi l-iffunzjonar tagħhom ħames snin wara dik id-data u, b'mod partikolari, l-effetti tagħhom fuq it-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi għall-kumpanniji fid-dawl tal-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tagħhom.

POLITIKA SOĊJALI

Koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali

Il-Kunsill adotta regolamenti bil-għan li tiġi mmodernizzata u ssimplifikata l-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri, wara qbil milħuq mal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari ([3646/09](#) + [11162/09 ADD 1](#), [3647/09](#) + [11600/09 ADD 1](#)).

L-adozzjoni taż-żewġ regolamenti ġodda ser tippermetti li fl-1 ta' Marzu 2010 jibdedw japplikaw regoli ġodda tal-UE għall-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali, li ser jagħmluha aktar faċli għaċ-ċittadini li jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jiċċaqilqu minn Stat Membru għal ieħor għal studju, divertiment jew għal raġunijiet professjonali.

Aktar dettalji jinstabu fl-istqarrija għall-istampa [12369/09](#).

AMBJENT

Kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-foki

Il-Kunsill adotta regolament li jistabbilixxi restrizzjonijiet fuq it-tpoġġija fis-suq ta' prodotti tal-foki, wara qbil milħuq mal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari ([3668/09](#) + [11152/09 ADD 1](#)).

Id-deċiżjoni hija b'risposta għal tħassib dwar il-prattiċi tal-kaċċa tal-foki.

Aktar tagħrif jinstab fl-istqarrija għall-istampa [12370/09](#).

Kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti bijoċidali

Il-Kunsill adotta direttiva li testendi, b'erba' snin sal-14 ta' Mejju 2014, l-iskadenza għat-tkomplija ta' evalwazzjoni ta' sustanzi attivi użati fi prodotti bijoċidali, wara qbil milħuq mal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari ([3624/09](#) + [11521/09 ADD 1](#)).

Id-direttiva tipprovdi wkoll għal estensjoni ta' erba' snin tal-perijodu transitorju li matulu l-kummerċjalizzazzjoni ta' bijoċidi ser tkompli tiġi rregolata b'regoli nazzjonali.

Prodotti bioċidali: tolilfluwanid u flokumafen - Lista ta' sustanzi attivi

Il-Kunsill iddeċieda li ma jopponix l-adozzjoni mill-Kummissjoni tad-direttivi li jinkludu t-tolilfluwanid u flokumafen fil-lista ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu vvalutati taħt id-Direttiva 98/8/KE dwar kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti bioċidali.

L-abbozz ta' direttivi huwa soġġett għall-proċedura regolatorja bi skrutinju, li tippermetti lill-Kunsill jopponi l-adozzjoni tal-atti legali mill-Kummissjoni. Issa li l-Kunsill ta l-awtorizzazzjoni tiegħu, il-Kummissjoni tista' tadotta d-direttiva, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax.

Kummerċ ta' sustanzi kimiċi perikolużi

Il-Kunsill iddeċieda li ma jopponix l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' regolament dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi.

L-abbozz ta' regolament iżid ċerti sustanzi mal-lista ta' sustanzi kimiċi soġġetti għall-proċedura ta' notifika ta' esportazzjoni u għal-lista ta' sustanzi kimiċi li huma projbiti jew ristretti u li jeħtieġu notifika ta' kunsens infurmat minn qabel (notifika PIC). Huwa jħassar ukoll ċerti elementi fuq iż-żewġ listi.

L-abbozz ta' regolament huwa soġġett għall-proċedura regolatorja bi skrutinju, li tippermetti lill-Kunsill jopponi l-adozzjoni tal-atti legali mill-Kummissjoni. Issa li l-Kunsill ta l-awtorizzazzjoni tiegħu, il-Kummissjoni tista' tadotta r-regolament, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax.

Infrastruttura għall-informazzjoni ġeografika

Il-Kunsill iddeċieda li ma jopponix l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' regolament li jimplementa d-Direttiva 2007/2/KE dwar infrastruttura tal-UE għall-informazzjoni ġeografika (INSPIRE) għall-iskopijiet tal-politiċi ambjentali tal-UE.

L-abbozz ta' regolament jistabbilixxi rekwiżiti għall-istabbiliment u l-manutenzjoni ta' servizzi ta' netwerk li l-Istati Membri huma meħtieġa jistabbilixxu u joperaw għal settijiet ta' data ġeografika.

Huwa soġġett għall-proċedura regolatorja bi skrutinju, li tippermetti lill-Kunsill jopponi l-adozzjoni tal-atti legali mill-Kummissjoni. Issa li l-Kunsill ta l-awtorizzazzjoni tiegħu, il-Kummissjoni tista' tadotta r-regolament, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax.

Sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu

Il-Kunsill adotta regolament li jfassal mill-ġdid, għall-għanijiet ta' ċarezza u simplifikar, ir-Regolament 2037/2000 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu ([3622/09](#)).

Ir-Regolament 2037/2000, li ġie emendat b'mod sostanzjali diversi drabi, jistabbilixxi regoli dwar il-produzzjoni, l-importazzjoni, l-esportazzjoni, it-tqegħid fis-suq, l-użu, l-irkupru, ir-riċiklaġġ, ir-reklamazzjoni u l-qerda ta' sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu.

AGRIKOLTURA

Livelli massimi ta' residwi għal ċerti pestiċidi

Il-Kunsill iddeċieda li ma jopponix l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' regolament dwar livelli massimi ta' residwi għal ċerti pestiċidi fi jew fuq l-ikel u l-għalf ta' orġini mill-pjanti u l-animali.

L-abbozz ta' regolament jikkonċerna azoxystrobin, atrazine, chlormequat, cyprodinil, diziocarbamati, fludioxonil, fluroxypyr, indoxacarb, mandipropamid, potassju tri-iodide, spirotramat, tetraconazole u thiram.

L-abbozz ta' regolament huwa soġġett għall-proċedura regolatorja bi skrutinju, li tippermetti lill-Kunsill jopponi l-adozzjoni tal-atti legali mill-Kummissjoni. Issa li l-Kunsill ta l-awtorizzazzjoni tiegħu, il-Kummissjoni tista' tadotta r-regolament, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax.

SAJD

Qabdiet totali permissibbli - Aġġustamenti għall-2009

Il-Kunsill adotta regolament li jemenda r-regolament 43/2009 dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-2009 u l-kundizzjonijiet assoċjati għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut ([11973/09](#)).

Ir-Regolament 43/2009 huwa emendat fir-rigward ta':

- l-isforz massimu permissibbli allokat lil numru ta' Stati Membri tal-UE, wara l-esklużjoni ta' gruppi ta' bastimenti mill-applikazzjoni ta' reġim ta' sforz taħt ir-Regolament 1342/2008 dwar pjan għal perijodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz;
- in-numru massimu ta' bastimenti u l-allokkazzjoni fost l-Istati Membri tal-kwoti tat-tonn, f'konformità ma' pjan għall-irkupru tat-tonn adottat f'April (Regolament 302/2009);
- l-istabiliment ta' sistema ta' għeluq ta' żmien veru (real time closures) fil-Baħar tat-Tramuntana u Skagerrak bil-ħsieb tal-protezzjoni ta' merluzz, bakkaljaw, pollakkju u merlangu li għadu qed jikber;
- l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet internazzjonali dwar il-krill tal-Antartiku; il-ġestjoni tas-salmur fil-Baħar Irminger u l-ilmijiet konfinanti; is-sehem tas-salmur tal-UE fl-ilmijiet tal-Groenlandja; u l-protezzjoni ta' ekosistemi marini vulnerabbli minn impatti ta' ħsara fiż-żona tan-NEAFC (Kummissjoni għas-Sajd fil-Grigal tal-Atlantiku);
- żieda ta' 750 tunnellata ta' merluzz disponibbli għall-bastimenti tal-UE fl-ilmijiet Norveġiżi wara ftehim man-Norveġja;
- it-tikkettar tal-ħut iffriżat miż-żona tan-NEAFC; u
- iż-żoni ta' ġestjoni għall-kwoti tal-ħalibatt tal-Groenlandja, tal-kavalli u s-sawrell l-ikħal, li jkopru kemm l-ilmijiet tal-UE kif ukoll dawk internazzjonali taż-żona Vb, sabiex jiġi evitat ir-rappurtar ħażin.

Reġim ta' sforz ta' sajd għall-merluzz - Spanja u Svezja

Il-Kunsill adotta regolament li jeskludi ċerti bastimenti minn reġim ta' sforz ta' sajd impost taħt pjan fuq perijodu twil għall-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-merluzz ([11974/09](#)).

Ir-regolament jistabbilixxi eżenzjoni mir-reġim tal-isforz ta' sajd impost fuq il-bastimenti Komunitarji taħt ir-Regolament 1342/2008 għal:

- bastimenti Spanjoni li jużaw xbieki ta' tkarkir tal-qiegħ u li jistadu għal speċi tal-qiegħ u l-merluzz fil-Punent tal-Iskozja, u
- bastimenti Svediżi li jużaw gradilja tal-għażla u li jimmiraw għall-awwista tan-Norveġja fl-Iskagerrak u l-Kattegat.

Ir-Regolament 1342/2008 li jistabbilixxi reġim tal-isforz tas-sajd li bih opportunitajiet tas-sajd għal qabdiet ta' merluzz f'termini ta' sforz tas-sajd huma allokati lil Stati Membri fuq bażi annwali. Taħt dak ir-Regolament il-Kunsill jista' jeskludi, taħt ċerti kondizzjonijiet, gruppi ta' bastimenti mill-applikazzjoni tar-reġim tal-isforz tas-sajd, wara proposta mill-Kummissjoni u l-parir tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd.

BAĠIT

Rapport speċjali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-infiq għat-trattament tal-ilma mormi - Konklużjonijiet tal-Kunsill

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar ir-rapport speċjali 3/2009 mill-Qorti tal-Awdituri dwar l-effikaċja tal-infiq tal-miżuri strutturali fuq it-trattament tal-ilma mormi għall-perijodi ta' programmar 1994-1999 u 2000-2006 ([11995/09](#)).

Rapport speċjali tal-Qorti tal-Awdituri dwar kooperazzjoni fl-iżvilupp - Konklużjonijiet tal-Kunsill

Il-Kunsill adotta konklużjonijiet rigward ir-rapport speċjali 4/2009 mill-Qorti tal-Awdituri dwar il-ġestjoni tal-Kummissjoni tal-involviment ta' partijiet mhux statali fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-KE ([12194/09](#)).

STATISTIKA

Statistika dwar is-soċjetà tal-informazzjoni

Il-Kunsill iddeċieda li ma jopponix l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' regolament li jimplementa r-regolament 808/2004/KE dwar l-istatistiċi tal-Komunità dwar is-soċjetà tal-informazzjoni, li jiddetermina d-data li għandha tiġi fornuta għat-tħejjija tal-istatistika msemmija f'dak ir-Regolament u l-iskadenzi għat-trasmissjoni tagħha.

L-abbozz ta' regolament huwa soġġett għall-proċedura regolatorja bi skrutinju, li tippermetti lill-Kunsill jopponi l-adozzjoni tal-atti legali mill-Kummissjoni. Issa li l-Kunsill ta l-awtorizzazzjoni tiegħu, il-Kummissjoni tista' tadotta r-regolament, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax.

TRASPARENZA

Trasparenza - aċċess pubbliku għal dokumenti

Il-Kunsill adotta t-tweġiba għall-applikazzjoni ta' konferma Nru 17/c/01/09 (*dok.* [11283/09](#)).

ĦATRIET

Direttur Ġenerali tal-persunal militari tal-UE

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li taħtar lil-Logutenent Ġeneral Ton van OSCH (l-Olanda) bħala direttur ġenerali tal-persunal militari tal-Unjoni Ewropea (EUMS) mit-28 ta' Mejju 2010. Huwa ser jissostitwixxi lil-Logutenent Ġeneral David LEAKEY (Renju Unit), li l-mandat tiegħu jiskadi fis-27 ta' Mejju 2010.

L-EUMS huwa direttorat ġenerali tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-UE. Marbut direttament mas-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli, huwa jipprovdi twissija bikrija, ippjanar strateġiku u valutazzjoni tas-sitwazzjoni.

Kumitat tar-Reġjuni

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li taħtar għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2010

a) bħala membru:

Is-Sur José Antonio GRIÑÁN MARTÍNEZ, Presidente de la Junta de Andalucía.

b) bħala membru supplenti:

Is-Sur Roger EVANS, Assembly Member for Havering & Redbridge, l-Ingilterra (maħtur fisem il-Greater London Assembly)

Kumitat Ekonomiku u Soċjali

Il-Kunsill adotta deċiżjoni li taħtar bħala membri għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-20 ta' Settembru 2010.

Is-Sur Sorin Cristian STAN, Grupp dwar l-Impjegati (Grupp II)

Is-Sur József NAGY, Grupp dwar Interessi Varji (GRUPP III)

*

* *

Oħrajn

Il-Kunsill adotta wkoll serje ta' deċiżjonijiet dwar il-ħatra ta' membri ta' diversi kumitati konsultattivi u ta' membri ta' bordijiet ta' tmexxija ta' aġenziji tal-UE (ara d-dok. [12270/09](#)).